MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 1065/2000/1

**Raymond Spiteri**

**Vs**

**Gasanmamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance plc. gia' General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Nazzareno Galea**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni in esami li biha l-attur, wara li ppremetta illi hu gie kundannat ihallas is-somma ta' Lm715.43 (sebgha mija u hmistax il-lira maltin u tlieta u erbghin centezmu) oltre l-ispejjes u dana permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat

Dottor Michael Mallia tat-22 ta’ Novembru,1999 fl-ismijiet “Gasan Insurance Agency Limited nomine versus Raymond Spiteri” (Avviz Numru 2069/97MM) u dana wara illi fis-16 ta’ Novembru, 1999 gew presentati l-kapitoli mis-socjeta’ Gasan Insurance Agency Limited ghas-subizzjoni tal-attur odjern Raymond Spiteri;

Illi l-kawza kienet giet appuntata ghas-smiegh ghall-ewwel darba ghas-seduta tas-6 ta’ Frar, 1998 u in segwitu kienet thalliet ‘sine die’ fit-8 ta’ Frar, 1999 mill-Magistrat Dottor Silvio Meli;

Illi wara l-astensjoni tal-Magistrat Silvio Meli il-kawza giet ri-appuntata ghas-smiegh quddiem il-Magistrat Michael Mallia ghas-seduta tat-12 t’April, 1999 izda l-attur odjern qatt ma gie notifikat b’tali ri-appuntament u lanqas mid-differimenti sussegwenti u dana kif jirrizulta mill-atti processwali;

Illi l-attur sar jaf biss li l-kawza giet deciza kontra tieghu fil-31 ta’ Gunju, 2000 meta huwa gie nfurmat b’dan mis-socjeta assikuratrici tieghu u dana stante illi l-konvenut odjern qatt ma kiteb jew b’xi mod ikkomunika mal-attur odjern;

Illi ghalhekk hemm lok ghall-ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab sabiex is-socjeta konvenuta (nomine) tghid il-ghaliex:

1. Tiddikjara illi l-attur odjern qatt ma gie notifkat bil-mozzjoni tar-ri-appuntament tal-kawza fl-ismijiet imsemmija;
2. Tordna t-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dottor Michael Mallia tat-22 ta’ Novembru, 1999 fl-ismijiet ‘Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Nazzareno Galea u b’nota tas-16 ta’ Novembru, 1999 is-socjeta’ Gasanmamo

Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance Plc, gia' General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc, assumiet l-atti tal-kawza fuq imsemmija minflok is-socjeta' Gasan Insurance Agency Ltd versus Raymond Spiteri;
3. Tordna illi ssir ir-ritrattazzjoni tal-kawza hawn fuq imsemmija..

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atti konfermata taht gurament mill-sitess attur (fol 2 tal-atti) u li biha hu espona bir-rispett:-

1. Illi l-attur odjern gie kkundanant ihallas is-somma ta' Lm715.43 (sebgha mija u hmistax il-lira maltin u tlieta u erbghin centezmu) oltre l-ispejjes u dana permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dottor Michael Mallia tat-22 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Gasan Insurance Agency Limited nomine versus Raymond Spiteri (Avviz Numru 2069/97MM) u dana wara illi fis-16 ta' Novembru, 1999 gew presentati l-kapitoli mis-socjeta' Gasan Insurance Agency Limited ghas-subizzjoni tal-esponenti;
2. Illi l-kawza kienet giet appuntata ghas-smiegh ghall-ewwel darba ghas-seduta tas-6 ta'Frar, 1998 u in segwitu kienet thalliet 'sine die' fit-8 ta' Frar, 1999 mill-Magistrat Dottor Silvio Meli li kien, ghall-ragunijiet validi fil-ligi, astjena milli jiehu konjizzjoni tal-kawza;
3. Illi wara l-astensjoni tal-Magistrat Silvio Meli l-kawza giet ri-appuntata ghas-smiegh quddiem il-Magistrat Michael Mallia ghas-seduta tat-12 t'April 1999 izda l-attur odjern qatt ma gie notifikat b'tali ri-appuntament kif jirrizulta mill-atti processwali;
4. Illi l-attur sar jaf biss li l-kawza giet deciza kontra tieghu fil-31 ta' Gunju 2000 meta huwa gie nfurmat b'dan mis-socjeta' assikuratrici tieghu u dana stante illi l-konvenut odjern qatt ma kiteb jew b'xi mod ikkomunika mal-esponenti.
5. Illi ghalhekk hemm lok ghall-ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi l-esponenti jippreciza illi huwa jrid jattakka l-kapi kollha tas-sentenza u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Rat kif ukoll il-lista tax-xhieda annessa mal-istess dikjarazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 7 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Preliminarjament illi t-talba attrici ghar-ritrattazzjoni hija preskritta billi il-proceduri mehtiega ma' sarux entro t-termine stabilit mill-ligi fl-Artikolu 818(1) (b) Kap 12 u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni,ir-responsabilta ghan-notifika tar-ri-appuntament, hija responsabbilita' tar-Registratur tal-Qorti u mhux tal-eccipjenti, li qatt ma' rceva riferta negattiva, u ghalhekk u anke jekk ghal grazzja tal-argument jigi deciz li hemm lok ghar-ritrattazzjoni, l-ispejjes tal-proceduri odjerni ma' ghandhux ibatihom l-eccipjenti.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta konvenuta nomine (fol 7 u fol 8 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-
1. Illi referiblment ghall-ewwel u ghat-tieni paragrafi tad-Dikjarazzjoni attrici, l-esponenti jirrileva illi l-fatti kif dikjarati mill-attur huma korretti.
2. Illi referribilment ghat-tielet paragrafu tad-Dikjarazzjoni attrici, l-esponenti mhuwiex f'posizzjoni f'dan lis-stadju li jikkummenta.
3. Illi referribilment ghar-raba paragrafu tad-Dikjarazzjoni attrici, l-attur mhuwiex korrett meta qed jsostni illi huwa sar jaf bis-sentenza fil-31 ta' Gunju 2000, l-attur sar jaf bis-sentenza ferm qabel, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
4. Illi referribilment ghal hames paragrafu tad-Dikjarazjzoni attrici, l-esponenti jirrileva illi t-terminu moghti mill-ligi ghar-ritrazzjoni skada u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat kif ukoll il-lista ta' xhieda annessa mal-istess dikjarazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, mill-lat legali, jidher li t-talbiet in esami huma bazati fuq l-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta’ Malta li ghid illi kawza deciza finalment tista tithassar u tigi ritrattata “jekk ic-citazzjoni (jew avviz) ma tkunx giet notifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza’. Dan l-artikolu u sub-inciz citat ghandu jigi abbinat ma’ dak enumerat 818(b) tal-istess Kodici li jispecifika illi t-terminu entro liema ghandha issir talba bhal dik in esami hu ta’ tlett xhur “…. Mill-gurnata li fiha l-attur ikun gia jaf bis-sentenza”. Hawnhekk jkun opportun li jinghad minnufih u dan minhabba l-ewwel eccezzjoni kif sottomessa illi dan it-terminu ma hux wiehed preskrittiv izda perentorju u b’ehkk ma hux soggett ghal sospensjoni jew interruzzjoni (ara l-artikolu 819(1) ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti bhala dokumenti jirrisulta illi fis-26 ta’ Settembru 1997 kien gie intavolat avviz kontra l-attur odjern, li filfatt, tidher li kienet giet notifikata lilu. Difatti Raymond Spiteri kien ippresenta nota ta’ eccezzjonijiet in kontestazzjoni (ara fol 60 ta’ dawn l-atti). Sussegwentement, il-Magistrat li kien qed jippresjedi din il-kawza kien astjena a basi tal-artikolu 734(1)(d) ibid u l-kawza kienet thalliet ‘sine die’. Meta kienet giet riappuntata ghas-smiegh, mill-gdid, quddiem l-istess Qorti izda diversament presjeduta, kienet inharget l-hekk imsejjha ‘mozzjoni tar-riappuntament’ li fuqu ikun hemm specifikata id-data li fiha l-kawza tkun ser tibda terga tinstema’ quddiem gudikant iehor. F’dan il-kaz, jidher li din il-mozzjoni ma kienetx notifikata lill-attur odjern (ara fol 65 ibid) minhabba ‘no such address’. Cjononostante fit-12 ta ‘April 1999 u fil-15 ta’ Novembru 1999 is-smiegh tal-akwz assokkta sakemm, minhabba li l-konvenut ma kienx deher, kienu gew presentati l’hekk imsejjha ‘kapitoli’ ghas-subizzjoni ta’ dan (ara fol 68 ibid). Fis-seduta

sussegwenti minhabba n-nuqqas ta' dehra tal-konvenut ossija l-attur odjern li baqa' kontumaci' il-kawza giet deciza finalment fit-22 ta' Novembru 1999.

Ikkunsidrat

Illi ma hemm ebda dubbju li l-attur odjern ma kienx gie notifikat bil-mozzjoni tar-riappuntament, kif jirrisulta minn dak premess. Pero' l-artikolu 811(b) citat jsemmi specifikatament, in-nuqqas ta' notifika tac-citazzjoni, jew f'dan il-kaz, avviz. Mill-provi prodotti, jidher li, effettivament l-attur odjern kien gie notifikat bl-avviz u ghalhekk din il-Qorti tista' tikkonkludi, b'interpretazzjoni stretta tal-istess artikolu illi in-nuqqas ta' notifika ta' mozzjoni ta' ri-appuntament ma tinkwadrawx ruhha taht l-istess artikolu. Fil-fehma Taghha, tali notifika hi essenzjali ghall-prosegwement ta' kawza sabiex jigi sodisfatt il-principju basilari, f'kull process gudizzjarju ta' 'andi alternam partem' u ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi din il-mozzjoni ghandha tigi inkluza fl-artikolu li ghalih qed issir referenza. Dwar dan il-punt, inoltre, ghandu jinghad illi kien jispetta lis-socjeta konvenuta odjerna sabiex tiehu l-passi kollha u tara illi l-attur odjern kien notifikat b'tali mozzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, il-Qorti ser tara jekk din it-talba saret entro t-terminu specifikat fil-ligi u ghalhekk esaminat il-punt jekk din il-kawza saret fi zmien tlett xhur minn mindu l-attur sar jaf bis-sentenza in esami. Dwar dan, ix-xhud tal-attur (fol 20 ibid) tista' tigi injorata invista li hu xehed illi qatt ma kien irceva 'citazzjoni' kontra tieghu meta, filfatt, jidher li kien jaf bl-avviz imsemmi u, anke kien ippresenta n-nota tal-eccezzjonijiet. Dottor Louis Bianchi (fol 34 et seq ibid) l-avukat difensur tas-socjeta konvenuta, spjega illi, wara li kienet giet decisa, finalment, il-kawza inesami, kien kiteb direttament lil Dottor Joseph Micallef Stafrace, l-Avukat tas-socjeta assikuratrici tal-attur odjern, b'kopja tal-istess ittra bhala 'prattika' lill-attur odjern. Fl-istess ittra, kienet saret talba ghall-hlas tas-sorte, l-imghaxijiet u l-ispejjes gudizzjarji. Kopja ta' din l-ittra, datata l-4 ta'

Jannar 2000 tinsab esebita a fol 36 tal-atti. Sussegwentement, hu kien baghat 'reminder' permezz ta' ittra ohra datata l-24 ta' April 2000 kif ukoll l-ittri l-ohra msemmija fl-istess xhieda bl-ahhar wahda, direttament lis-socjeta assikuratrici tal-attur odjern u datata it-28 ta' Awissu 2000. Inoltre kien tkellem ukoll mal-Avukat difensur tal-attur odjern in rigward pagament. Dwar dan hemm referenza fl-ahhar ittra li ssemmiet (fol 37 ibid) fejn jissemma illi dan l-Avukat kien informah illi kien ser jitlob ghar-ritrattazzjoni tal-kaz meta 'the time limit imposed by the law for retrial has now lapsed" Dottor Joseph Micallef Stafrace (fol 38 ibid) semma li z-zewg ittri imsemmijin u li huma a fol 36 u 37 tal-atti) kien ircevihom bhala l-Avukat tas-socjeta assikurattrici tal-attur odjern izda mhux bhala difensur ta' dan. Dwar dan il-punt in esami, l-aktar xhud importanti u rilevanti hu Anthony Amaira (Fol 47 et seq ibid). Dan ikkonferma illi, wara li s-socjeta assikuratrici tal-attur odjern kienet irceiviet 'l-korrispondenza (dik bid-data tal-4 ta' Jannar 2000) sabiex inhallsu ahna konna baghatna ghal Raymond Spiteri". Dan kien intwera l-istess ittra u kien qal, b'referena ghall-istess kawza illi 'kienet giet riappuntata'. Inoltre fit-22 ta' Gunju l-istess Dottor Joseph Micallef Stafrace kien kiteb, in risposta, ittra lid-difensur ta' dak iz-zmien tal-attur odjern fejn gie suggerit illi ssir ritrattazzjoni ta' dan il-kaz (fol 53 ibid). Fl-ittra ta' dan id-difensur datata it-2 ta' Marzu 2000 (ara fol 54) hemm indikat li l-attur odjern kien sar jaf illi l-kawza kontra tieghu giet deciza fil-31 ta' Mejju 2000.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, ma hux cert meta filfatt kien sar jaf bis-sentenza in esami. Skond ix-xhieda tieghu stess, hu qatt ma kien irceva citazzjoni kontra tieghu, mill-provi l-ohra kif di gja esposti, fl-ittra a fol 54 datata it-2 ta' Mejju 2000, hemm indikat b'mod certament mhux car, illi l-attur odjern kien sar jaf bl-istess sentenza fit-31 ta' Mejju 2000, cjoe gimghat wara d-data fuq l-istess ittra Inoltre, Anthony Amaira semma' illi s-socjeta assikuratrici tal-istess attur kienet infurmatu dwar l-istess sentenza wara li kienrt irceviet l-ittra li ggib id-data tal-4 ta' Jannar 2000. Dan jindika fuq basi ta' probabilita, illi l-attur kien filfatt sar jaf

bl-istess sentenza, almenu, matul Jannar 2000 u mhux f'Mejju 2000. Ghalhekk, jidher li t-talbiet in esami ma jistghux jigu akkolti ghax l-attur ma ipprovax illi kien sar jaf bid-decizjoni kontra tieghu fl-ahhar ta' Mejju 200o, illi hu ippresenta, c-citazzjoni in esami entro t-terminu ta ' tlett xhur minn meta sar jaf bl-istess decisjoni liema punti kellhom jigu pruvati minnu bhala fatti (ara l-arikolu 562 tal-istess Kodici). Inoltre ma jistax ma jinghadx illi, mill-istess provi, jidher li kien jaf bl-istess fatt matul Jannar 2000 meta din ic-citazzjoni giet presentata fid-29 ta' Awissu, 2000.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-ispejjes ma jistax ma jinghadx li s-socjeta konvenuta nomine kellha tiehu hsieb illi tinnotifika lill-attur bil-mozzjoni tar-riappuntament liema notifika fil-fatt ma kienetx saret. Apparti kull konsiderazzjoni dwar jekk il-Qorti kellhiex taccerta ruhha li l-attur kien effettivament notifikat, b'tali mozzjoni, l-ispejjes ta' din il-kawza ghandhom jigu akkollati lill-istess socjeta attrici nomine minhabba dak li ghadu kemm gie premess.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha kontra is-socjeta attrici nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------